flusi kemm hawn nies mir-raħal inġagħalhom jitilqu dal-waqt għax dawn ma ġewx biex iħallu min jisraqhom."

Hawn resaq il-fizzjal tal-għassa għax bdiet tinġama' n-nies u staqsa x'kien ġara.

Meta Bobby fehmu x'ried il-ġorf tal-Baħríja l-fizzjal inqasam bid-daħk imma fl-istess ħin qal taħt ilsien lil Bobby:

"Il-ħaġa twalet u jekk dal-faħal ixewwex in-nies nieqfu mix-xogħol u nitwegħru. Oħroġ bil-qalb it-tajba dawk il-għaxar xelini u eħles minn din it-tabxa u, isma' minni, iċċajta ma' min jifhmek darb'oħra."

Bobby xtaq l-art tibilgħu imma ra li ma satax joħroġ aħjar mill-biċċa. Ma hemmx bżonn ingħid li ma żiedx juri għerfu ma' nies li ma jistax jafda ruħu magħhom.

U la Ġamri u lanqas missieru ma resqu aktar fuq ix-xogħol ta' Binġemma. Għax naħseb li ntebħu t-tnejn li l-ħallelin kienu huma u li flus fix-xgħar tar-ras ma jinbtux.

T. Z.

## IL-BANDIERA TAGĦNA

Rajtek fir-riħ ta' Lvant tperper miftuħa
fil-għoli, waħdek, fuq il-bejt ta' dârna
fil-ħin li x-xemx kienet tisreġ ma' dwarna
donnok trid tgħid: "Minn ħadd ma kont mirbuħa."

Kienet kemm kienet ħarxa kull taqbida
ma kont mirbuħa qatt, ħelwa bandiera:
taħt id-dell tiegħek qatt ma konna lsiera,
Ommna ma kellha qatt ktajjen ma' idha.

L-abjad u l-aħmar li b'sensila sħiħa
flimkien imgħaqqda, f'bewsa l-aktar sħuna,
is-sliem ta' l-omm kull żmien, kull ħin jagħtuna
qalbna jimlew bil-hena, għax sabiħa

il-ġrajja tiegħek kollha, ma' l-egħdewwa
mal-ħbieb u ma' kulħadd bla skiet itennu,
fil-ħin li dejjem iżjed lilna jhennu
u jkattru l-ġieh ma' dawk ta' barra-w-ġewwa.

Mons. Gauci

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*(Jorbot ma' l-Għadd ta' Ġunju paġ. 61)*

Ma' tul l-amministrazzjoni ta' Maitland, li dam Gvernatur mill-1813 sa l-1824, il-bixra ta' Gvern li kien magħmul fuq id-drawwiet ta' mijiet ta' snin qabel, tbiddlet u ssawret fuq dik ta' l-Ingilterra u ta' dawk iż-żminijiet, fost kollox sar tibdil fil-Qrati u fil-kummerċ li sar libru, l-iktar għall-qmuħ. L-Ingliż daħal bħala lsien uffiċjali fl-amministrazzjoni tal-Gvern.

It-tagħlim nistgħu ngħidu li raġa' ħa r-ruħ u bil-mod il-mod għal l-ulied il-poplu bdiet tinfetħilhom xi skola ċkejkna.

Hawnhekk jaqbel insemmu l-ewwel kotba li bdew isiru għal dan it-tagħlim. L-ewwel li niltaqgħu magħhom huma dawk ta' Vella u Montebello Pulis. Wieħed jismu *Chtieb il-Kari Yau Dahla 'al ilsien Malti* (1824) u l-ieħor l-*Oblighi tal Bniedem* (1826) tal-Patri F. Soave, kif jidher maqlub bil-Malti għal l-Iskola (Kulleġġ) ta' Għawdex.

Iżda, barra minn dan, ma jidhirx illi bil-Malti kien isir ebda tagħlim ħlief id-Dutrina fil-knejjes u tagħlim ieħor religjuż bi prietki. Jingħad illi madwar l-1820 ċertu Reverend Ingliż (Rev: Keeling) kien fetaħ skola, il-Belt, li għal xi żmien kien fiha minn mija sa mitejn u tletin tifel, subien u bniet, li kienu jitgħallmu l-Malti, l-aritmetika u xi ftit Ingliż. Xi nisa Ingliżi kellhom f'idejhom ukoll skola tal-bniet miżmuma bil-ġbir fost in-nies għonja tal-gżira, il-biċċa l-kbira Ingliżi, iżda fiha ma sabux min igħallem. Fost xi Ingliżi li jħobbu jgħallmu lil poplu kien hemm xi ħadd li twebbel biex igħallem liż-żgħażagħ Maltin xi bidu ta' xjenzi, fosthom il-Ġeometrija, iżda qata' qalbu għax ra li l-lsien Malti ma kienx għadu mħarreġ biżżejjed għal dan it-tagħlim.

Fost il-kotba bil-Malti li sa dak iż-żmien kienu dehru, barra dawk ta' Vassalli, u dawk li semmejna, kien hemm il-grammatka *(NuovaScuola della Lingua Punica*-1750) ta'Agius De Soldanis u l-Vanġelu ta' San Ġwann maqlub għal Malti minn ċertu Peppu Marino Canolo (1822) li fuqu nitħaddtu iżjed il quddiem. Wara żmien imbagħad dehru xi kotba tal-qari maħruġin mix-Xirka Missjunarja tal-*Wesleyans* għal l-iskejjel tagħhom miġjubin bil-Malti mill-Ingliż mit-Tabib Cleardo A. Naudi—fihom bċejjeċ meħudin mill-Katekismu ta' Fleury u tagħrif ċkejken minn fuq il-Għaqda l-Ġdida u ħwejjeġ oħra reliġjużi, stejjer eċċ. Wara, imbagħad, nibtet il-Grammatka Maltija bl-Ingliż ta' Francis Vella, (1831) magħ-